

**Digriet tal-Qorti Ĝeneralni tat-22 ta' Ottubru 2021 – Fachverband Spielhallen u LM vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-510/20)<sup>(1)</sup>

*("Għajjnuna mill-Istat – Trattament fiskali tal-operaturi ta' casinos pubbliċi fil-Ġermanja – Ilment – Fażi prelminari ta' eżami – Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tikkonstata l-assenza ta' għajjnuna mill-Istat – Kundizzjonijiet għall-ſtuħ ta' proċedura ta' investigazzjoni formali – Diffikultajiet serji – Kunċett ta' 'għajjnuna mill-Istat' – Imposta fuq il-profiti – Vantaġġ – Natura selettiva – Rikors manifestament infondat fid-dritt")*

(2021/C 513/41)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrent: Fachverband Spielhallen eV (Berlin, il-Ġermanja), LM (rappreżentanti: A. Bartosch u R. Schmidt, avukati)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: B. Stromsky u K. Blanck, aġenti)

Intervenjent insostenn tar-rikorrent: Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja (rappreżentanti: R. Kanitz u S. Costanzo, aġenti)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2019)8819 final tad-9 ta' Diċembru 2019 dwar l-ghajjnuna mill-Istat SA.44944 (2019/C ex 2016/FC) – Trattament fiskali tal-operaturi ta' casinos pubbliċi fil-Ġermanja u għajjnuna mill-Istat SA.53552 (2019/C ex 2019/FC) – Garanzija allegata għall-operaturi tal-casinos pubbliċi fil-Ġermanja (garanzija tal-profitabbiltà), fis-sens li tħieb l-ilmement ippreżentat mir-rikorrenti kontra l-fatt li s-somom imħalla sa lil-Land Nordrhein-Westfalen (il-Ġermanja) mill-operaturi tal-casinos pubbliċi bħala imposta fuq il-profiti kienu deduċċibbi mill-bażżejjiet taxxabbi ta' taxxa fuq in-negożju u tat-taxxa fuq id-dħul jew tat-taxxa fuq il-kumpanniji.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikkors huwa miċħud.
- 2) Fachverband Spielhallen eV u LM, għandhom ibatu, minbarra l-ispejjeż tagħhom stess, dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.
- 3) Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja għandha tbat l-ispejjeż tagħha.

---

<sup>(1)</sup> ĠU C 329, 5.10.2020.

**Digriet tal-Qorti Ĝeneralni tat-22 ta' Ottubru 2021 – Equinoccio-Compañía de Comercio Exterior vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-22/21)<sup>(1)</sup>

*(Rikors għal annullament – Strument ta' għajjnuna għall-preadeżjoni – Stat terz – Suq pubbliku nazzjonali – Xoljiment tal-kuntratt mill-awtorità kontraenti – Talba ta' implementazzjoni mill-awtorità kontraenti ta' garanzija bankarja – Kontrofirma mill-kap tad-delegazzjoni tal-Unjoni fl-Istat terz jew mill-assistent kap – Nuqqas ta' kompetenza)*

(2021/C 513/42)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Equinoccio-Compañía de Comercio Exterior, SL (Madrid, Spanja) (rappreżentanti: D. Luff u R. Sciaudone, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni (rappreżentanti: D. Bianchi u T. Van Noyen, aġenti)

## Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tal-ittra tal-Kummissjoni tal-5 ta' Novembru 2020, bir-referenza GK/Regio.ddg.d. 1(2020)6793282, dwar l-implimentazzjoni tal-garanzija bankarja mitluba mill-Ministeru tax-Xjenza, tal-Industrija u tat-Teknoloġija Tork.

## Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Equinoccio-Compañía de Comercio Exterior, SL, huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(<sup>(1)</sup> ĠU C 128, 12.4.2021.

## Digriet tal-President tal-Qorti Ĝeneralni tal-25 ta' Ottubru 2021 – Troy Chemical Company u Troy vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-297/21 R)

*("Proċeduri għal miżuri provviżorji – Prodotti bijoċidali – Regolament ta' Implementazzjoni (UE) 2021/348 – Approvazzjoni tal-carbendazim bħala sustanza attiva eżistenti intiża sabiex tintuża fil-prodotti bijoċidali tat-tipi ta' prodotti 7 (preservattivi għall-pellikoli) u 10 (preservattivi tal-bini) – Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni – Nuqqas ta' urġenza")*

(2021/C 513/43)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

## Partijiet

Rikorrenti: Troy Chemical Company BV (Delft, il-Pajjiżi l-Baxxi), Troy Corp. (Florham Park, New Jersey, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: D. Abrahams, H. Widemann u L. Gorywoda, avukati)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: R. Lindenthal u M. Farley, aġenti)

## Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikoli 278 u 279 TFUE u intiża, minn naħa, għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tar-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/348 tal-25 ta' Frar 2021 li japprova l-carbendazim bħala sustanza attiva eżistenti għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tipi ta' prodotti 7 u 10 (ĠU 2021 L 68, p. 174), u, min-naħħa l-oħra, għall-għoti ta' kwalunkwe miżura provviżorja li l-Qorti Ĝeneralni tqis xierqa.

## Dispożittiv

- 1) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda
- 2) L-ispejjeż huma rriżervati.

## Rikors ippreżentat fl-14 ta' Settembru 2021 – WO vs UPPE

(Kawża T-603/21)

(2021/C 513/44)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

## Partijiet

Rikorrent: WO (rappreżentant: V. Vitkovskis, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE)